# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 69**

**Rikors numru 135/09/1 TA**

**Protect Services Limited (C 29712)**

**v.**

**Saviour Johnson, Mary Johnson, Amanda Johnson, Claire Borg Johnson, Gordon Johnson, u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2020 l-Avukat Dr Raisa Colombo u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tad-*decujus* Saviour Johnson u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2020 l-Avukat Dr Raisa Colombo ġiet sostitwita bl-Avukat Dr Yanika Bugeja**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ppreżentat is-soċjeta` attriċi fit-13 ta' Frar, 2009, u li jaqra hekk:

“1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson fl-ammont ta’ ghoxrin elf seba’ mija u tlettax-il euro u tnejn u sebghin centezmu (€20,713.72) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar rizultanti minn kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 11 ta’ Lulju 2006 (anness Dok. ‘A’) oltre l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont;

2. Illi l-konvenuti Saviour u Mary Johnson naqsu milli jhallsu l-ammont hawn fuq indikat minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluz ukoll interpellazzjoni permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Settembru 2007 debitament notifikata lilhom (anness Dok. ‘B’);

3. Illi l-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson kienu fid-data ta’ l-imsemmi kuntratt proprjetarji ta’ diversi vetturi, izda minn informazzjoni provduta mill-istess konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson, sussegwentement ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt precitat, diversi minn dawn il-vetturi gew imqassma ossia trasferiti minnhom a favur il-konvenuti l-ohra, Amanda Johnson, Claire Borg Johnson, u Gordon Johnson, li jigu uliedhom;

4. Illi l-imsemmija trasferimenti saru b’qerq u bi hsara tal-jeddijiet tas-socjeta` attrici bhala kreditrici tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson kif premess;

5. Illi konsegwentement is-socjeta` attrici hija intitolata titlob l-annullament u t-thassir ta’ l-istess trasferimenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni;

1. Tiddikjara illi t-trasferimenti ta’ vetturi li saru mill-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson lill-konvenuti l-ohra Amanda Johnson, Claire Borg Johnson, u Gordon Johnson, jew min minnhom, wara l-pubblikazzjoni tal-precitat kuntrtt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 11 ta’ Lulju 2006, saru b’qerq u bi hsara tal-jeddijiet tas-socjeta` attrici bhala kreditrici tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson;

2. Konsegwentement tannulla u thassar it-trasferimenti ta’ vetturi dikjarati, ai termini ta’ l-ewwel talba, bhala li saru b’qerq u bi hsara tal-jeddijiet tas-socjeta` attrici bhala kreditrici tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iwettqu l-proceduri u l-formalitajiet kollha mehtiega sabiex it-thassir u l-annullament ta’ l-imsemmija trasferimenti u l-konsegwenti riverzjoni tat-titolu fuq l-istess vetturi a favur il-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson, jigu

registrati ai termini tal-Ligi mal-awtoritajiet kompetenti u dana fil-gurnata, hin u lok li jistghu jidhrulha opportuni, kif ukoll tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez gudizzjarji fil-konfront tal-konvenuti li qed jigu ingunti ghas-subizzjoni taghhom minn issa stess;"

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Claire Borg Johnson illi in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Illi, prelimnarjament, l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzju, stante illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridka u/jew dahhlet ma xi obbligi kuntrattwali u legali mas-socjeta attrici Protect Services Limited;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija improponibbli, stante illi l-kuntratt li abbazi tieghu s-socjeta attrici qieghda tittenta tali azzjoni ma torbot ebda vettura illi kienet u/jew setghet kienet f'isem tal-genituri taghha fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt;

3. Salv eccezzjonijiet ohra."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti l-oħra li in forza tagħha eċċepew illi:

"1. Illi, prelimnarjament, l-esponenti Amanda Johnson u Gordon Johnson ghandhom jigu liberati mill-osservazzjoni tal-gudizzju, stante illi huma ma ghandhom ebda relazzjoni guridka u/jew dahhlu ma xi obbligi kuntrattwali u legali mas-socjeta attrici Protect Services Limited;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-vetturi gia meritu tal-kawza odjerna kienu dejjem tat-tfal ta' Saviour u Mary Johnson u t-tfal kienu investew hafna flus fihom, bir-rizultat illi l-vetturi

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija improponibbli, stante illi l-kuntratt li abbazi tieghu s-socjeta attrici qieghed tittenta tali azzjoni ma turbot ebda vettura illi kienet u/jew setghet kienet f'isem ta' Saviour Johnson u/jew Mary Johnson fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt;

4. Salv eccezzjonijiet ohra."

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 2021, li in forza tagħha l-kawża ġiet deċiża billi:

> "**Ticħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**
>
> **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li t-trasferiment kollha ta' vetturi li saru mill-konvenuti Saviour u Mary konjuġi Johnson lill-konvenuti l-oħra Amanda Johnson, Claire Borg Johnson, u Gordon Johnson u cioe' dawk kollha imsemmija fl-affidavit ta' Saviour Johnson u cioe' fil-paragrafi 1, 2 u 3 a' fol 265 tal-process, wara l-publikazzjoni tal-preċitat kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella datat 11 ta' Lulju 2006, saru b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tas-soċjeta' attriċi bħala kreditriċi tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson.
>
> **Tilqa' t-tieni talba** u tannulla u tħassar it-trasferimenti tal-vetturi kollha imsemmija, ai termini ta' l-ewwel talba, bħala li saru b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tas-soċjetá Attriċi bħala kreditriċi tal-konvenuti Saviour u Mary konjuġi Johnson;
>
> **Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-Konvenuti kif ukoll tordna lill-Avukat Dr. Yanika Bugeja u lill-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina li ġew nominati bħala kuraturi ad litem in rappreżentanza tal-interessi tal-konvenut decujus Saviour Johnson sabiex iwettqu l-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa sabiex it-tħassir u l-annullament ta' l-imsemmija trasferimenti u l-konsegwenti riverżjoni tat-titolu fuq l-istess vetturi a favur il-Konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson, jiġu reġistrati ai termini tal-Liġi mal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll tinnomina bħala kuratur deputat lill-Avukat Alex Scerri Herrera għall-eventwali kontumaċi, liema trasferiment ghandu jsir fl-14 ta' Novembru 2021 fl-10.00 am, ġewwa A3 Towers, Triq L-Arkati, Paola u cioe' fejn hemm l-Awtorita' għat-Transport f'Malta.
>
> Għal kull bon fini il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-Sentenza tkun notifikata lil Brian Farrugia, Uffiċjal Transport Malta fl-indirizz fuq imsemmi."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**<u>Punti ta' fatti</u>**
>
> **1.** L-azzjoni esperita mill-Atturi qed tattakka t-trasferimenti ta' vetturi li saru mill-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson lil uliedhom il-konvenuti l-oħra Amanda Johnson, Claire Borg Johnson u Gordon Johnson wara l-pubblikazzjoni tal-kostituzzjoni ta' debitu datat 11 ta'

Lulju 2006 (a' fol 7). Permezz tal-kuntratt imsemmi, il-konvenuti Saviour Johnson u martu Mary Johnson ikkostitwew ruhhom veri, ċerti u likwidi debituri a favur tal-kumpanija attriċi fl-ammont ta' LM9,300.

**2.** Jirrizulta mid-depożizzjoni ta' Brian Farrugia, rappreżentant tal-ADT (a' fol 88), li kienu sitta l-vetturi li ġew hekk trasferiti wara l-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt. Dawn jikkonsistu fis-segwenti:

1. Żewġ vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni KAV017 u JAS 587 li ġew trasferiti fuq il-Konvenuta Amanda Johnson.

2. Tlett vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni KAG 985, CAL 754 u AAB 438 li ġew trasferiti fuq il-konvenuta Claire Johnson.

3. Vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBA 341 li ġiet trasferita fuq il-konvenut Gordon Johnson.

**3.** Skont is-Soċjetá attriċi dawn it-trasferimenti saru b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tagħha qua kreditriċi tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson in virtù tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (ara premessa numru 4).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**4.** Is-Soċjetá Attriċi ddikjarat li l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-*actio pauliana* kif naxxenti mill-artikolu 1144 tal-Kap. 16 (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol 351). L-insenjament fuq dan l-artikolu nsibuh senjalat mill-**Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza Carmelo u Carmen konjugi Magri vs Mixer Limited et mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2005**:

"[L]-*azzjoni Pawljana (li hija wkoll imsejħa bħala revokatorja) hija waħda ta' natura personali* (P.A. **27.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino vs Vella et*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.748**)) *li hija miftuħa għal kull min għandu pretensjoni ta' kreditu biex jitlob it-twettiq ta' obbligazzjoni mingħand id-debitur tiegħu u li jrid iwaqqa' att jew fatt li dak id-debitur ikun wettaq ma' terzi, li bih dak il-kreditu jiġi preġudikat* (App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.24**));

*Illi l-elementi ewlenin tal-azzjoni huma: (a) l-eżistenza tal-kreditu; (b) l-għamil dannuż tad-debitur (eventus damni); u (ċ) il-ħsieb tad-debitur li, b'dak l-għamil, il-kreditu jista' jiġi mġarrab (consilium fraudis);*

*Illi għar-rigward tal-element tal-kreditu, il-kumpaniji mħarrkin sejsu parti sewwa mid-difiża tagħhom fuq il-fatt li, meta nbdiet il-kawża, l-atturi kellhom biss pretensjoni ta' kreditu u mhux kreditu kanonizżat jew riżultanti minn titolu eżekuttiv;*

*Illi din il-linja ta' difiża ma tgħoddx għall-azzjoni Pawljana, u dan għaliex il-kreditu li huwa biżżejjed biex isejjes l-azzjoni attriċi m'għandux għalfejn ikun dejn kanoniżżat, anzi lanqas biss għandu għalfejn ikun dejn pekunjarju. Għaliex ikun biżżejjed jekk id-dejn jikkonsisti fi pretensjoni ta' adempiment ta' obbligazzjoni li, bl-għamil tad-debitur ta' dik l-obbligazzjoni, tista' u x'aktarx tiġi preġudikata* (P.A. **20.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Debattista vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1054)**). *Kemm hu hekk, tqies li jkun hemm kreditu ukoll f'każ fejn l-għamil impunjat kien jippreġudika likwidazzjoni futura ta' ġid miżmum in komun* (App. Ċiv. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Brigitte Vella vs Richard Vella et***);"

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**5.** Il-Qorti se tibda billi tiddetermina l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti Claire, Amanda u Gordon aħwa Johnson. Permezz tagħha huma eċċepew li għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi huma ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika jew daħlu ma xi obbligi kuntrattwali u legali mas-soċjetá attriċi.

**6.** Huwa veru li l-Konvenuti aħwa Johnson ma kienux parteċipi għal kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn is-soċjetá attriċi u l-ġenituri tagħhom il-konvenuti Saviour u Mary Johnson. Din l-azzjoni però ma hijex tattakka l-obbligu kontrattwali li daħlu fih il-ġenituri tagħhom bl-att imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' debitu. Kif ingħad, din l-azzjoni qed tattakka t-trasferiment tal-vetturi li sar f'isimhom mill-istess ġenituri ai termini tal-artikolu 1144 tal-Kap. 16.

**7.** Ġie ribadiet mill-Qrati tagħna li "*persuna ghandha interess li tigi msejha fil-kawza (koattivament) anke fejn la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kundannata, imma biss ghaliex il-kwestjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita' tal-gudizzju* (ara **Sentenza Qorti tal-Appell tat-18 ta' Mejju, 1995 fil-kawza fl-ismijiet Lawrence Farrugia vs Joseph Fava**;")

**8.** Bla dubju din l-azzjoni tirrigwarda l-jeddijiet li l-konvenuti aħwa Johnson għandhom fuq il-vetturi li ġew hekk trasferiti f'isimhom. Isegwi li huma għandhom interess li jopponu l-kontestazzjoni kif fil-fatt għamlu bl-eċċezzjonijiet sussegwenti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Il-konvenuti qed jeċċepixxu wkoll l-improponibbiltá tal-azzjoni odjerna "*stante illi l-kuntratt li abbażi tiegħu s-soċjetá attriċi qiegħda tittenta tali azzjoni ma torbot ebda vettura illi kienet u/jew segħet kienet f'isem ta' Saviour Johnson u/jew Mary Johnson fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt*" (ara t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Claire Borg Johnson a' fol 16 u t-tielet eċċezzjoni sollevata mil-bqija tal-Konvenuti a' fol 76).

**9.** Iżda l-elementi meħtieġa sabiex tista tiġi eżerċitata l-azzjoni pauliana ma jirrikjedux li l-vetturi f'isem Saviour u Mary konjugi Johnson ikunu hekk marbuta.

**10.** Kif ġia kwotat supra fis-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Magri et vs Mixer Limited et**, "*l-elementi ewlenin tal-azzjoni huma: (a) l-eżistenza tal-kreditu; (b) l-għamil dannuż tad-debitur (eventus damni); u (ċ) il-ħsieb tad-debitur li, b'dak l-għamil, il-kreditu jista' jiġi mġarrab (consilium fraudis);*"

**11.** L-awtur taljan Emidio Pacifici-Mazzoni jispjega tajjeb ir-ragion d'essere tal-prinċipju ġuridiku wara l-azzjoni pawljana:

*"L'azione con cui s'impugnano gli atti fatti in frode dei creditori si chiama 'revocatoria' o 'pauliana'. Essa ha per fondamento or la regola che niuno deve arrichirsi a detrimento altrui; or l-altra che 'ognuno e' responsabile del danno che ha cagionato pel fatto propio. In vero senza il sussidio di tale azione I terzi si arrichirebbero a detrimenti dei creditori di colui col quale hanno stipulato atti; e quando avessero fatto accord frodolento col debitore, cagionerebbero danno col fatto propio ai creditori medesimi."* (**Istituzioni Di Diritto Civile, Vol. V, pag.195, Edz. 1873, Emidio Pacifici-Mazzoni**).

**12.** Għal dak li għandu x'jaqsam ma l-eżistenza tal-kreditu dan jirrisulta mill-att ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-11 ta' Lulju 2006 (a' fol 7). F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva, anke għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel, li fis-sewwa l-kreditu kien jesisti anteċedentement għall-kuntratt inkwistjoni. Bil-kuntratt inkwistjoni, is-Soċjeta' Attriċi ffaċilitat ħajjitha billi otteniet il-kapaċita' li jkollha titolu x'tesegwixxi mingħajr il-ħtieġa li tirrikorri għal dawn il-Qrati għall-kanonizazzjoni tal-ammont imsemmi f'dan il-kuntratt. F'sens formali s-Soċjetá Attriċi hija għalhekk kreditriċi ta' Saviour u Mary konjugi Johnson billi otteniet ukoll titolu eżekuttiv ai termini tal-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt.

**13.** Rigward l-element tal-eventus damni, il-gurisprudenza kostanti sostniet li "*L-ewwel element dak tal-eventus damni jigi sodisfatt bil-prova li, rizultat tal-att li qed jigi impunjat, id-debitur ikun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.*" (**Qorti Civili Prim' Awla, Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent u Maria Victoria konjugi Pace et, 15 ta' Ottubru 2003**).

**14.** Il-Ġurista Ricci jikkwalifika bhala 'pregudizzju' "*il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compuito dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti*" (Corso di Diritto Civile pg. 322 n 243)" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Grace Bonello pro et noe vs Karl Bonello et, mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta fid-9 ta' Jannar 2018**).

**15.** Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina jirrizulta li t-trasferiment tal-vetturi mill-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson a favur uliedhom sussegwentement għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni kellu logikament l-effett li jpoġġi l-istess konjugi f'qagħda li ma jistgħux iħallsu id-dejn tagħhom. Dan tenut kont, li indipendentement mis-sinistru ta' inondazzjoni ta' ilmiet fejn kienu qed jinżammu dawn il-vetturi, fatt li kien imsemmi ad nauseam mill-konvenuti tul il-Kawża, kemm Natalino Agius u kif ukoll l-espert ta' vetturi Joseph Zammit jikkonfermaw li xorta għandhom valur. Anzi dan tal-aħħar speċifikament jgħid li dawn huma vetturi classic u li waħda minnhom kienet unika għal Malta (ara xhieda tiegħu a' fol 315). L-anqas ma ġie pprovat (prova li trid issir mill-konvenuti) li d-debituri f'din il-kawża kellhom xi propjeta' oħra li setgħet tissodisfa suffiċjentement il-kreditu tas-Soċjeta' Attriċi dan fid-dawl li din l-azzjoni tippermetti benefiċċju tal-eskussjoni tal-propjeta' tad-debitur. Il-fatt li din ma ingħatatx bħala eċċezzjoni huwa indikattiv ċar tal-aridita' patrimonjali tal-konjugi Johnson, il-ġenituri tal-konvenuti l-oħrajn.

**16.** F'dan l-istadju din il-Qorti trid tagħmel osservazzjoni f'dan ir-rigward. Il-Konjugi konvenuti Johnson kellhom kwantita' ta' vetturi li kif anke jirriżulta mill-affidavits tagħhom kollha ġew trasferiti għal fuq l-ulied (ara a' fol 264 sa 274). B'dana kollu, din il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha l-ewwel talba attriċi li espressament qegħdha timmira għal dawk it-trasferimenti li saru wara l-11 ta' Lulju 2006 u cioe' dik id-data li fiha saret il-kostituzzjoni ta' debitu mertu ta' din il-Kawża. Dwar dan il-Qorti ser tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha aktar 'l isfel.

**17.** Jibqa' l-fatt li l-aġir tal-konvenuti wara d-data imsemmija, huma kemm huma u huma liema huma dawn il-vetturi, xorta jwassal għal preġudizzju tad-drittijiet tal-kreditur fis-sens insenjat fis-Sentenzi fuq citati.

**18.** Dan qiegħed jingħad ukoll li fin-nota tagħhom il-Konvenuti jargumentaw li l-patrimonju tal-konjugi Johnson ma sofra l-ebda diminuzzjoni għad-detriment tal-kreditur inkwantu l-vetturi ġew hekk "*trasferiti bħala ħlas tad-debitu illi l-istess konjugi kellhom ma uliedhom, u kwindi fl-eventwalitá illi t-trasferimnet ta' tali vetturi ma sarx, tali debitu xorta waħda kien ser jibqa jiggrava l-patrimonju tal-konjugi Johnson – anzi, aktar minn hekk, l-patrimonju tal-konjugi Johnson pjuttost ġie ippreservat bit-trasferiment tal-vetturi in kwistjoni, in kwantu kif anke xehedu l-ahwa Johnson fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2010, il-kreditu dovut lilhom mill-genituri taghhom kien ferm ghola mill-valur tal-vetturi illi gew trasferiti ...*" (ara a' fol 363).

**19.** Il-prova tal-eżistenza tad-dejn bħala raġuni li waslet għat-trasferiment tal-vetturi favur l-ulied aħwa konvenuti, kif jeżiġi l-artikolu 562 tal-Kap.12, kellha issir mill-konvenuti. L-anqas ma imqar ipproduċew xi tip ta' konteġġi ta' kemm tassew kellhom jieħdu u fuq

liema mhedda ta' żmien. Anzi l-Qorti ma tistax ma tosservax, li l-anqas fl-eċċezzjoni tagħhom ma jgħidu li l-ammont li kellhom jieħdu kien ġej minn salarji, kif jixhdu xi uħud minnhom. Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, pjuttost kriptika u inkompluta, il-Qorti fehmet li dawn il-vetturi kienu dejjem tagħhom għalkemm f'isem il-ġenituri tagħhom (ara a' fol 19). Għalhekk bl-effett ta' dan it-trasferimenti wieħed l-Konvenuti konjugi Johnson komplew irrendew rwieħhom insolvibbli a detriment tas-Soċjetá Attriċi. Dan iktar u iktar meta jitqies il-fatt li l-Konvenuti naqsu milli jindikaw assi oħra li fuqhom is-Soċjetá Attriċi setgħet teżegwixxi l-kreditu tagħha.

**20.** Din il-Qorti tinsisti, li f'azzjoni ta' din ix-xorta, id-difiża tas-solvibilita' patrimonjali tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx sar referenza għaliha mid-debitur konvenut fis-silenzju tiegħu tul il-proċeduri, il-ġudikant għandu jasal għal konklużjoni waħda: Din hija li b'konsegwenza tal-att doluż, il-konsistenza patrimonjali tad-debitur tkun ġiet impoverita b'mod li d-drittijiet tal-kreditur huma perikolati, għaliex meta jasal biex jesegwixxi l-kreditu tiegħu, il-garanzija ġenerali hawn taħt imsemmija tkun evaporat.

**21.** Dan qiegħed jingħad, fid-dawl li kull persuna, għall-obbligi minnha assunti favur ħadd ieħor jagħmel, trid tagħmel tajjeb mhux biss b'dak li għandha iżda anke b'dak li jista' jkollha. Di fatti artikolu 1994 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi bl-aktar mod ċar li "*Kull min jobbliga ruħu personalment, hu obbligat jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu bil-beni kollha li għandu u li għad ikollu*". Dan ifisser ukoll, li l-azzjoni pauliana hija għalhekk indirizzata sabiex debitur ma jnaqqas xejn minn din il-garanzija ex-lege, b'qerq u b'detriment għall-interessi tal-kredituri tiegħu.

**22.** Di fatti għalkemm tagħti vantaġġi fil-pregradwazzjoni ta' ħlas f'każ ta' pluralita ta' kredituri, din il-garanzija l-anqas hi meħtieġa li tkun formalment kostitwita bħala ipoteka ġenerali. Din il-garanzija toħroġ mil-liġi. Dawn il-Qrati jgħallmu li "*Huwa naturali illi l-kreditur li jitlob garanzija jistenna li din tkun tkopri d-dejn kollu, l-imgħaxijiet u l-ispejjeż. Ma jfissirx iżda illi, jekk il-garanzija hija biżżejjed, ma tgħoddx ukoll l-obbligazzjoni ex art. 1994 illi d-debitur jagħmel tajjeb għad-dejn bil-ġid tiegħu kollu, li għandu u li għad jista' jkollu, u mhux biss bil-ġid ipotekat"* (ara **Sentenza tal-Appell fl-ismijiet Stephen Desira pro et -vs- Tarcisio Portelli pro et, tal-24 ta' Frar 2012.**)

**23.** Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, jagħmel sens li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna irrikonoxxiet l-eżerċizzju tal-azzjoni Pauliana bħala "*rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dan jesigi dak li hu dovut lilu* (**App. Civ. Bongailas Marco vs Magri John et deciza 15.01.2002**). *Inoltre id-duttrina u l-gurisprudenza pero` ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jesawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista`, jekk irid, ixejjen l-azzjoni pauliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista` jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur*

*li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli* (**Qorti Kum. Hare vs Diacono deciza fid-29 ta` Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789; PL. Adrian Borg nomine vs Agostino Sive Winston Carbone**).”(**V.A.B. Company Limited vs Maria Isabella Turkdogan, Prim’ Awla tal-Qorti Civili, 16 ta’ April 2013**).

**24.** Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li dan l-element tal-*eventus damni* jirrizulta fil-konfront tas-Soċjetá Attriċi. Il-Qorti hija konvinta li l-preġjudizzju rekat minnha huwa riżultat dirett tat-trasferiment tal-vetturi imsemmija mill-atturi konjuġi Johnson a favur uliedhom il-Konvenuti l-oħra.

**25.** Għal dak li għandu x’jaqsam mal-aħħar element, hija ġurisprudenza uniformi li “*It-tieni element, dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. “L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita’ tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur” (***PA. *Bugeja vs Terribile* deciza 7 ta’ Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866***). Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti “ghax min ikun jaf bl-effett ta’ xi att, u b’ dankollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett”(***App.Civ. *Vella Brigitte vs Vella Richard* et deciza 27 ta’ Frar 2003***). Izda ghajr il-prova tax-xjenza tal-effetti tal-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur*.” (**Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent u Maria Victoria** (supra)).

**26.** Mingħajr tlaqliq, minn evalwazzjoni ġenerali tal-provi, din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li l-konvenuti fallew għal kollox fl-attakk taghhom ghall-eżistenza ta’ dan l-element. Sostnew biss, mingħajr ma produċew ebda prova effettiva, li t-trasferiment sar għas-saldu ta’ dejn eżistenti bejn il-konjugi Johnson u uliedhom aħwa Johnson. Insistew ukoll li l-vetturi kollha ħlief għal waħda m’għadhomx jeżistu għaliex iddisponew minnhom wara li ġarrbu ħsara estensiva meta għerqu konsegwenza ta’ incident fil-garaxx fejn kienu qed jinżammu (ara xhieda Claire Johnson a’ fol 120 et seq, 165 et seq, u 192 et seq; xhieda Gordon Johnson a’ fol 125 et seq u 177; xhieda Saviour Johnson a’ fol 185 et seq).

**27.** Irriżulta iżda li l-vetturi fil-fatt għadhom jeżistu tant li ġew kollha ndividwati u wħud minnhom maqbuda mis-Soċjetá Attriċi (ara mandat ta’ qbid a’ fol 206 u xhieda Natalino Agius a’ fol 217 et seq). Il-Qorti hija konsapevoli li minħabba f’hekk kien sar rikors datat 2 ta’ Marzu 2012 mis-soċjetá attriċi sabiex il-Qorti tieħu l-passi kriminali fil-konfront tal-konvenuti għal sperġur (a’ fol 276). B’digriet a’ fol 288 JRM il-Qorti kienet rriżervat li tipprovdi dwar din it-talba aktar ‘l quddiem (a’ fol 276). Minn fuq dan ir-rikors għaddew ben disgħa snin. Minħabba f’hekk, din il-Qorti tħoss, li wara dan iż-żmien kollu ma

jagħmilx sens li tieħu konjizzjoni tiegħu, kif fil-fatt qegħdha tagħmel *ope sententiam.*

**28.** Mill-provi jirrizulta li l-verżjoni tal-Konvenuti hija għal kollox inverosimili intiża bl-iskop li tiġi alterata l-veritá. Mill-mod kif provaw jispjegaw u minn ghemilhom johrog car l-intenzjoni frawdolenti tal-Konvenuti sabiex xjentement jeludu d-drittijiet u l-pretensjonjiet leġittimi tas-Soċjetá attriċi kreditriċi. Dan joħroġ anke min dak li ntqal mill-Konvenut Saviour Johnson dik inhar stess li ġie ffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu (ara xhieda Nutar Nicholas Vella a' fol 87 u affidavit ta' Natalina Agius l-aħħar paragrafu a' fol 21). Tant biex din il-Qorti tfakkar li n-nutar qal hekk:

"*Li niftakar hu illi kien hemm diskussjoni min-naha tad-debituri fejn bazikament insistew min-naha taghhom illi certu vetturi vintage jew antiki (ha nghid hekk) tad-debituri ma jintmessux mill-kredditur bhala rizultat ta' inadempjenza da parti tad-debituri*".

**29.** Għalhekk il-Qorti tistaqsi, jekk tassew il-vetturi inkwistjoni fid-data tal-imsemmi kuntratt kienu diġa' ġew trasferiti lill-konvenuti, allura għalfejn id-debituri konjugi Johnson għamlu din ix-xorta ta' caveat! Dikjarazzjoni ta' din ix-xorta tirriskontra bil-qawwi man-narrattiva tal-konvenuti, fis-sens li dawn il-vetturi kienu diġa' ġew trasferiti lill-ulied biex jingħad hekk in buona fede. Jekk ma kienx hemm bwona fede ifisser li ġew trasferiti (aktar dwar dan hawn taħt), sabiex il-konvenuti ulied ikunu ta' paraventu għall-ġenituri tagħhom biex għalhekk l-aġir frawdolenti tagħhom ikun aċċentwat.

**30.** Il-Qorti ma għandhiex għalfejn ma temminx lin-nutar inkwistjoni, partikularment meta tkun tesisti parentala bejn il-partijiet li għandhom interess fil-kawża billi jesaġeraw jew anke jagħtu verżjoni li ma tkunx minnha sabiex jaħsdu benefiċċju mill-proċess. Din il-Qorti kif presjeduta, diġa' kellha opportunita` tippronunzja ruħha f'dan ir-rigward fis-sens li "*F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ix-xhieda estraneji u li ma għandhom minn ħadd jakkwistaw valur probatorju qawwi."* (Ara **Sentenza Prim Awla, tat-2 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet Stephen Bonnici -vs- Peter Sammut pro et**). F'dan il-każ il-Qorti tagħti affidibilta' sħiħa lix-xhieda tan-nutar. Il-Qorti għalhekk temmen, li bi kliem bħal dan, il-konvenut Saviour Johnson wera, li l-*forma mentis* tiegħu kienet li jċaħħad is-Soċjetá Attriċi milli jesebixxi l-kreditu dovut lilha fuq il-vetturi inkwistjoni f'każ ta' inadempiment tal-obbligi kuntrattwali da parti tiegħu. Fi kliem li jifhimhom kulħadd, kien diġa' qiegħed jaħsiblu għal meta tinqala' l-eventwalita' li għandha quddiemha din il-Qorti.

**31.** Il-Qorti hija moralment konvinta, li l-verżjoni tal-Konvenuti li l-vetturi ġew hekk trasferiti lit-tfal a saldu ta' dejn eżistenti bejnhom u l-ġenituri tagħhom hija għalhekk inverosmili. Fl-ewwel lok, kif diġa' accennat, tali verżjoni ma tirriżultax sorretta minn ebda prova tanġibbli u konkludenti kif legalment meħtieġ. Barra minn hekk, il-Konvenut

Saviour Johnson xorta baqa' jqis il-vetturi bħala tiegħu u li għadu jeżerċita kontroll fuqhom minkejja t-trasferimenti li qed jallegaw li sar (ara affidavit ta' Natalina Agius a' fol 21 l-ewwel paragrafu). Dan ma jirrisultax biss mid-dikjarazzjoni fuq imsemmija iżda wkoll mill-aġir tiegħu u ta' martu bir-resistenza li offrew għall-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid ottenut mis-Soċjetá Attriċi (ara xhieda Natalino Agius a' fol 219 u xhieda Angelo Spiteri a' fol 344). Di piu' hu biss kien iżur il-vetturi wara li dawn inqabdu (ara xhieda Angelo Spiteri a' fol 346). Fil-fatt is-sur Angelo Vella, id-depożitarju, dejjem qiesu bħala sid l-istess vetturi.

**32.** Iżda l-konvenuti jilqgħu ukoll billi jsostnu li t-trasferiment tal-vetturi inkwistjoni kien anteċedentament għall-kostituzzjoni ta' debitu tal-11 ta' Lulju 2006. Il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija huma biżżejjed biex ixejnu din id-difiża. B'dan kollu l-Qorti xorta ser tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**33.** Qabel xejn jiġi osservat li l-insorġiment tal-kreditu ma bediex jesisti mad-data tal-att inkwistjoni. Il-kreditu kien anteċedenti. Bl-att inkwistjoni ġie rikonoxxut u dikjarat li huwa ċert u likwidu. F'dan ir-rigward, għalkemm l-osservazzjoni li jagħmel l-awtur Giorgio Giorgi hija fir-rigward ta' titolu naxxenti minn Sentenzi, ir-raġunament tiegħu huwa pariment applikabbli għax-xorta ta' titolu li għandha quddiemha din il-Qorti. Dan l-Awtur jgħid hekk:

*"Non si deve per altro confondere la data del titolo o fatto, da cui nasce il credito, con la data della sentenza, che lo liquida, o lo dichiara. Accade molte volte, che il creditore privo di titolu esecuttiovo autentico, ovvero bisgnoso di liquidare il suo credito lo far dichairare e tassare per sentenza. Ora e' ovvio a intendersi. come in questi casi il credito non nasce il-giorno della pronuncia giudiziale. Questa non fa che constatarne la esistenza antecedente, o determinare l-ammonto preciso."* (**Teoria delle Obbligazioni, Vol II, pg.360 Ed. 1907**).

**34.** L-ammont li jissemma' fil-kuntratt fuq imsemmi ċertament ma akkumulax mil-lum għall-għada. Huwa minn awl id-dinja, li dan kien ammont jirrapresenta sedimentazzjoni ta' ammonti konsistenti fi ħlas ta' premia matul is-snin. Il-Qorti tasal ukoll għall-konklużjoni, anke fid-dawl tal-mod kif xhedu l-konvenuti kollha, li kuntrarjament għal dak li qalu, issibha diffiċli biex temmen li huma ma kienux jafu bl-esistenza ta' dawn id-djun. Fost oħrajn, waħda mix-xhieda saħansitra interveniet mas-Soċjeta' Attriċi biex tottjeni l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għar-ripagament mill-ġenituri tagħha (ara xhieda ta' Claire Borg Johnson a' fol 168 u 169).

**35.** Fih innifsu, dan l-aġir ma huwiex ċensurabbli, anzi lodevoli u hekk mistenni mill-ulied. Imma fid-dawl tal-fatti kollha li jiċċirkondaw din il-Kawża u fil-kuntest tal-azzjoni esperita mis-Soċjeta' Attriċi, dan l-għemil huwa indikattiv ukoll li l-ulied kienu fil-fatt qed jintervjenu fil-pendenzi tal-ġenituri tagħhom u min b'mod u min b'ieħor, qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex iħarsuhom mill-krendituri tagħhom.

Għalhekk, ic-caħda assoluta li ma kienu jafu b'xejn ma tistax titwemmen.

**36.** Il-Qorti hija wkoll konvinta li t-trasferiment ta' dawn il-vetturi seħħ fil-mument meta kien diġa' insorġa l-kreditu u li l-konvenuti tfal kienu bi ħsieb wieħed mal-ġenituri tagħhom, li jċaħħdu lis-Soċjeta' kreditriċi li tesegwixxi effikaċament il-kreditu tagħha fuq l-uniku propjeta' ta' sustanza li kellhom debituri konvenuti konjugi Johnson. Għalhekk huwa ċar għal din il-Qorti li kien hemm il-*partecipatio fraudis.*

**37.** Il-problema li rriskontrat il-Qorti hija dik ta' kif inhi ippostulata l-ewwel talba Attriċi li timmira għal dawk it-trasferimenti li saru wara d-data tal-11 ta' Lulju 2006. Mill-provi jirrisulta li kien hemm kwantita' ta' vetturi li ma jidhirx li ġew trasferiti wara iżda qabel. Dan qiegħed jingħad għaliex kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq il-kreditu tas-Soċjeta' Attriċi ma insorġix bil-kuntratt inkwistjoni, iżda bħal tali kien pre-esistenti għad-data ta' dak il-kuntratt. Il-Qorti osservat ukoll li dawn il-vetturi għalkemm f'isem il-konvenuti tfal, fir-rejalta' jidher li baqgħu tal-missier. Din ix-xorta ta' manuvra kienet maħsuba għar-raġunijiet fuq imsemmija.

**38.** Il-Qorti għalhekk stabbilit, li t-trasferimenti li saru, kemm qabel u anke wara dik id-data kienu in male fede u bi frodi għad-drittijiet tas-Soċjeta' Attriċi kif diġa' spjegat. Huma f'ċirkostanzi bħal dawn, li l-Qorti għandha għad-dispozizzjoni tagħha bħala għodda, l-prinċipju ta' *fraus omnia corrumpit*. Dan il-prinċipju ġie intqal li "*Va ricordato a tal proposito che l'exceptio doli generalis ed il principio fraus omnia corrumpit debbono essere tenuti costantemente presenti dal giudice e ben possono essere utilizzati, nel dare soluzione alle controversie.*" (Qorti Ara Suprema Corte Di Cassazione, Sezz III , Sentenza 8 ta' April 2014 , Num. 8152 ). Anke l-Qrati tagħna ma ddejjqu xejn japplikaw dan il-prinċipju u qalu hekk:

*"Fejn jirrizulta agir skorrett li juri mala fides (Il-Qorti) ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-mala fides tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-bona fides. L-ebda negozju guridiku ma ghandu mmunita mill-principju fraus omnia corrumpit."* (Ara **Sentenzi tal-Prim Awla fl-ismijiet E. Enriquez et v. Avukat Dr. A. Farrugia et noe tat-12 ta; Ottubru 1955 u dik fl-ismijiet Malta Development Corporation v. Zet Ltd Development Corporation v. Zet Ltd tal-5 ta' Ottubru 2001**).

**39.** Din il-Qorti isostni ukoll, li dan il-prinċipju jiskonfina mhux biss is-sustanza tal-azzjoni, iżda anke kull prinċipju proċedurali, kemm stabbilit mil-liġi u kif ukoll mill-ermenawtika sentenzjali. Li kieku ma kienx hekk, min ikun aġixxa in mala fede jkun qed jiġi ppremjat minħabba li l-Attur ikun inkonsapevoli ta' fatti li ma setax ikun jafhom fil-mument li jkun presenta l-Kawża. Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel talba bil-mod kif spjegat aktar 'l isfel.

**40.** Il-Qorti qieset dak li qalu l-konjugi Johnson fl-affidavits tagħhom. Il-Konvenut Johnson jgħid hekk:

"*Nono stante illi s-sitwazzjoni illi kont spiccajt fiha ma kienitx tippermettili illi inhallas illi-uliedi l-flus dovuti ilhom , jien qbilt maghhom illi jiehdu xi karozzi milli kelli, illi ghakemm ma kienux ta' valur kbir, almenu xi haga zghira li jiena stajt noffri. Kien ghalhekk illi saru t-transfers ta' xi vetturi illi kelli f'ismi ghal fuq isem isem uliedi, u mhux minhabba xi mala fede da parti tieghi jew ta' marti biex ma inhallsux lill-Natalino."* (ara a' fol 265)

**41.** Apparti li dan ix-xhud jisħaq li sa dak iż-żmien ma kienx għadu ipprojbit milli jitrasferixxi dawn il-vetturi, dikjarazzjoni li fiha nnifisha implicitament tgħid ħafna, jibqa' jinsisti, li dawn il-vetturi ma kienux qegħdin jagħmlu tajjeb għall-kreditu tas-Soċjeta' Attriċi. Huwa importanti ukoll, li dan il-konvenut bħala dati jsemmi li dawn it-transfers saru bejn l-aktar sena 'l bogħod l-2002 u dik l-aktar viċina tal-2007. Tul il-Kawża ebda wieħed mill-konvenuti ma ħass li kellu jikkontradixxi dak li qal Natalino Agius u ċioe' li l-konvenut Saviour Johnson qallu li dawn it-trasferimenti kollha saru fuq parir li ħa mingħand l-avukat tiegħu (ara a' fol 20).

**42.** Il-Qorti tifhem li dawn il-vetturi kienu trasferiti lit-tfal minħabba li x-xogħol kien sejjer ħażin u ma kellux minn fejn iħallas. Dan huwa għalhekk indikattiv tal-mument minn meta Saviour Johnson sar insolventi u li ma seta' jagħmel ebda pagamenti fi flus likwidi. Kif diħa' osservat aktar 'l fuq, l-ammont imsemmi fil-kuntratt tal-11 ta' Lulju 2006 huwa kumulu ta' ammonti li kellha tieħu s-soċjeta' Attriċi qabel dik id-data. Il-konvenut Saviour Johnson jgħid, li uħud minn dawn il-vetturi kienu ta' uliedu għalkemm fuq isem martu għaliex meta xtrahom kienu għadhom żgħar. Il-Qorti bħal bqija tan-narrativa tal-konvenuti dan ma temmnux. Iżda anke li kieku, minn ottika legali kienu għadhom tiegħu u fil-mument ta' insolvenza xorta kienu qegħdin jagħmlu tajjeb kif fuq spjegat għall-kreditu tas-Soċjeta' Attriċi. Il-konsegwenza hija ovvja, jekk ma setax iħallas lil uliedu multo magis kemm seta' jħallas lis-Soċjeta' Attriċi!

**43.** Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fil-mument ta' meta skont il-Konvenuti konjuġi bdew jitrasferixxu l-vetturi imsemmija lit-tfal tagħhom, dawk il-vetturi kienu fil-fatt hekk trasferiti sabiex ikunu elużi d-drittijiet tas-Soċjeta' Attriċi. Dan ifisser li l-vetturi kollha li jissemmew f'paragrafi enumerati bħala paragrafi 1, 2 u 3 tal-Affidavit tal-konvenut Saviour Johnson, illum decedut, għandhom jerġgħu ikunu integrati fil-patrimonju tal-konvenuti konjugi Johnson (ara a' fol 265).

**44.** Fl-aħħar nett u fid-dawl tat-tielet talba, il-Qorti hija konsapevoli li fiċ-ċirkostanzi, tenut fost oħrajn iż-żmien li għandhom il-vetturi, l-istat li llum jistgħu jinsabu fih, u miżuri ġodda li laħqu ġew introdotti minn dak in-nhar li saret il-kawża, u cioe' ben tlettax-il sena ilu, ikun prattiku

> li jingħata żmien fit-tul aktar minn normal għall-esekuzzjoni ta' dik il-parti tas-Sentenza."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu illi dina l-Qorti:

> "joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-22 ta' *Gunju, 2021, fl-ismijiet fuq premessi, billi tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju u tichad it-*talbiet tal-appellata, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi interament kontra l-appellata."

7. Rat ir-risposta tas-soċjeta` attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell interpost mill-konvenuti appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tagħhom;

8. Rat illi fl-aħħar udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2022, quddiem din il-Qorti d-difensuri tal-partijiet preżenti nfurmaw lill-Qorti li jistrieħu fuq l-atti ppreżentati;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hija azzjoni pawliana li fiha s-soċjeta` attriċi, bħala kreditriċi tal-konvenuti Saviour u Mary konjuġi Johnson, qed jitolbu li t-trasferiment ta' diversi karozzi klassiċi li d-debituri għamlu lil uliedhom jitħassar u

jitqies li ma jgħoddx fil-konfront tagħhom, u dan biex tkun tista' tesegwixxi t-titolu tagħha fuq l-istess karozzi. Il-konvenuti jgħidu li t-trasferimenti lit-tfal tagħhom saru *a saldu* ta' dejn eżistenti bejnhom u l-ġenituri tagħhom. L-ewwel Qorti qieset din l-allegazzjoni bħala "*inverosimili*" u ordnat li jitħassar it-trasferiment li sar.

11. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u qed isostnu li l-karozzi qatt ma kienu proprjeta` tal-ġenituri, iżda tal-ulied, għalkemm reġistrati f'isem il-ġenituri; f'kull każ, it-trasferiment sar *a saldu* ta' dejn li l-ġenituri kellhom mat-tfal.

12. Trattat l-appell, din il-Qorti tgħid mill-ewwel li dan l-appell hu fieragħ, u ntenzjonat għall-ħela ta' zmien. Is-sentenza tal-ewwel Qorti hija studjata u ben motivata u l-konvenuti żgur li kienu jafu b'dan u li l-appell kien sejjer ikun inutili. Din il-Qorti, kif inhu doveruż, sejra xorta waħda tidħol biex teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jirregolaw il-materja.

13. Is-soċjeta` attriċi tirriżulta li hi kreditriċi tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson kif jirrizulta minn kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tal-11 ta' Lulju, 2006. Mis-somma li kellha tintradd lura fadal bilanċ ta' €20,713.72 li l-imsemmija konvenuti baqgħu ma ħallsux. Jidher li dawn il-konvenuti huma dilettanti ta' karozzi klassiċi antiki u wara

l-kostituzzjoni tad-debitu, ittrasferew dawn il-karozzi għal fuq uliedhom. Kwindi, hu ċar li s-soċjeta` attriċi, għalkemm mhux parti minn negozju li seta' sar bejn il-konvenuti, għandha l-interess meħtieg li tressaq din l-azzjoni. Fil-kawża "Bellia v. Grech" deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 1999, intqal hekk fuq min jista' jressaq tali azzjoni. Din il-Qorti qalet li l-azzjoni hija miftuħa għall-

> "kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni b'mod li jista' jesperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'att kagunat mid-debitur."

Hu ovvju li s-soċjeta` attriċi, mogħnija b'titolu eżekuttiv, tista' taġixxi bl-azzjoni biex l-assi tad-debitur jiġu reintegrati bil-karozzi li ġew trasferiti. Hawnhekk, jista' jingħad li d-debituri ma pprevalixxux ruħhom mill-benefiċċju tal-esekuzzjoni taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 795 sat-801 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kwindi l-aġir impunjat b'din l-azzjoni għandu jitqies li wassal għall-insolvenza tad-debituri bi ħsara għad-drittijiet tal-kredituri attriċi.

14. Il-konvenuti jgħidu li l-karozzi qatt ma kienu tagħhom imma ta' uliedhom. Dan, pero`, ma joħroġx mill-provi meta tqis li l-karozzi huma reġistrati fuq isem il-ġenituri. Il-konvenuti konjuġi Johnson jgħidu wkoll li l-karozzi ġew mogħtija lit-tfal bħala *datio in solutum* ta' dejn li kellhom ma' uliedhom, pero`, ma setgħux jgħidu kemm hu dan id-dejn u lanqas jagħtu spjegazzjoni ċara tas-sors ta' dan id-dejn. Kif qalet l-Ewwel Qorti, dan is-suppost trasferiment għal dan l-iskop huwa, fiċ-ċirkostanzi "*inverosimili*",

meta tqis li l-konvenut Saviour Johnson xorta baqa' jqis il-karozzi bħala tiegħu u baqa' jeżerċita kontroll fuqhom bħal li huma tiegħu. L-allegazzjoni li l-karozzi nxtraw mill-ġenituri *prestanome* għal uliedhom, baqgħet biss allegazzjoni, u ma saret ebda prova konvinċenti, lanqas fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, li kien hemm verament dan l-arranġament. Il-konvenuti kieku riedu setgħu għaddew il-karozzi għal fuq uliedhom minn qabel, u mhux, b'kumbinazzjoni, ftit wara l-pubblikazzjoni tal-kostituzzjoni tad-debitu mas-soċjeta` attriċi.

15. Tajjeb li jiżdied ukoll li anke jekk it-trasferiment sar biex jitħallas debitu li l-ġenituri kellhom ma' wliedhom, dan ukoll jitqies magħmul bi frodi. Debitur li jħallas kreditur qabel kreditur ieħor mhux neċessarjament ikun qed jaġixxi bi frodi, iżda meta l-kreditur l-ieħor ikollu kreditu ipotekarju, dak il-ħlas ikun karpit bi frodi. Ma saret ebda prova li l-eventwali krediti li l-aħwa Johnson seta' kellhom fil-konfront tal-ġenituri tagħhom kien ukoll ta' natura ipotekarja. Il-ħlas ta' kreditur ordinarju qabel wieħed ipotekarju huwa każ ovvju ta' *eventus damni* fil-konfront tal-kreditur ipotekarju.

16. Id-debituri konjuġi Johnson kienu żgur jafu li meta se jittrasferixxu l-karozzi kienu sejrin jinnewtralizzaw il-kreditu tas-soċjeta` attriċi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Pace v. Portanier" deċiża fid-29 ta' Marzu, 1957 (Kollez. Vol. XLI.I.627):

> *"Illi l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kredituri fil-waqt li kien jaf li gia kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att, u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija haga inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt."*

Dwar il-*partecipatio fraudis* min-naħa tal-ulied, il-Qorti hija wkoll konvinta li dan jeżisti. Il-konvenuti wlied tal-konjuġi Johnson kellhom kull interess jagħtu verżjoni li ma tkunx minnha sabiex jaħsdu xi benefiċċju għall-familja. Fir-risposta ġuramentata tagħhom ma qalux li ma kinux jafu bid-dejn ta' missierhom, u dan l-element iseħħ kull meta t-terz jaf li qiegħed jagħmel negozju ġuridiku li huwa ta' ħsara għall-kreditur. Hi l-fehma tal-Qorti li bil-mod li xehdu dawn il-konvenuti huma kellhom din ix-xjenza.

17. L-Ewwel Qorti eżaminat il-fatt li jista' jkun li seħħew xi trasferimenti qabel il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Il-Qorti rrimarkat li, f'dan il-każ, jgħodd il-prinċipju *frans omnia corrumpit*. Din il-Qorti taqbel. Tirreferi għas-sentenza tagħha fil-kawża "Calleja v. Grima" deċiża fl-10 ta' Jannar, 1955, (Kollez. Vol: XXXVIII.i.24) fejn jingħad hekk fil-kuntest ta' aġir frawdolenti magħluq qabel il-kreditu:

> "*Il-kreditur ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat, hlief meta l-att frawdolenti ikun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri".*

Huwa dan li ġara f'dan il-każ, meta tqis ukoll li d-debitu tal-konjuġi Johnson kien anteċedenti l-iffirmar tal-kostituzzjoni ta' debitu b'kuntratt pubbliku.

18. Għal bqija din il-Qorti tikkondividi l-analiżi tal-każ li għamlet l-ewwel Qorti li, kif ingħad, hija waħda raġjonata u ben motivata.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti bis-sħiħ, bi spejjeż kollha jkunu a karigu tal-konvenuti *in solidum*. Ukoll, billi hija tal-fehma illi l-appell huwa fieragħ maħsub biex itawwal iż-żmien, il-Qorti, wara li rat l-Art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu *in solidum* l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr